# TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Frar 2008 — Skoulidi vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-4/07)** ([1])

*("Servizz pubbliku — Uffiċjali — Skambju ta' uffiċjali bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri — Issekondar ta' uffiċjal Komunitarju ma' l-amministrazzjoni Griega — Rifjut — Rikors għad-danni — Dannu morali — Proċedura prekontenzjuża — Ammissibbiltà — Kundizzjonijiet għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità")*

(2008/C 92/94)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Eleni-Eleftheria Skoulidi (Brussell, il-Belġju) [rappreżentant: G. Vandersanden, avocat]

*Konvenuta:* il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [rappreżentanti: D. Martin u M. Velardo, aġenti]

**Suġġett**

Talba għal kumpens għad-danni morali sofferti mir-rikorrenti minħabba d-deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra tat-28 ta' Marzu 2006 li ma tawtorizzax l-issekondar tagħha mal-Ministeru Grieg ta' l-Edukazzjoni Nazzjonali u l-Affarijiet Reliġjużi fil-kuntest ta' l-iskambju ta' uffiċjali bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

([1]) ĠU C 56, 10.3.2007, p. 44.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Frar 2008 — Putterie-De-Beukelaer vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-31/07)** ([1])

*(Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċdura ta' evalwazzjoni — Proċedura ta' ċertifikazzjoni — Evalwazzjoni tal-potenzjal — Ksur tal-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi — Stħarriġ ex officio)*

(2008/C 92/95)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Françoise Putterie-De-Beukelaer (Brussel, il-Belgju) (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u K. Herrmann, aġenti)

**Suġġett**

L-annullament tar-rapport ta' l-iżvilupp tal-karriera tar-rikorrenti li jirrigwarda l-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2005 u l-31 ta' Diċembru 2005, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda t-taqsima 6.5 "potenzjal", sa fejn dan ir-rapport ma jirrikonoxxix il-potenzjal tar-rikorrenti li teżerċita l-inkarigi li jaqgħu fil-kategorija B* għall-finijiet tal-proċedura ta' ċertifikazzjoni

**Dispożittiv**

1) *Ir-rapport ta' l-iżvilupp tal-karriera tas-Sinjura Putterie-De-Beukelaer li jirrigwarda l-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2005 u l-31 ta' Diċembru 2005 huwa annullat safejn ma jirrikonoxxix il-potenzjal tar-rikorrenti li teżerċita l-inkarigi li jaqgħu fil-kategorija B*.*

2) *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbati l-ispejjeż kollha.*

([1]) ĠU C 117, 26.5.2007, p. 38.